MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tal-5 ta' Jannar, 2004

Numru 15/2003

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
**Simon Xuereb**

**Il-Qorti,**

Rat l-Att ta' l-Akkuza numru 15 tas-sena 2003, kontra l-akkuzat Simon Xuereb, li bih huwa gie akkuzat talli :

1) Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap illi ghall-habta tal-bidu tas-sena elfejn u wiehed, l-ahwa Laurence Gatt, li allura ma kellux okkupazzjoni u kien jirregistra w Antonio Gatt, li kien impjegat fil-Freeport, kienu saru midhla sew ta' Norman Bezzina, **Simon Xucreb** u Manwel Gauci. Gie z-zmien li lkoll waslu sabiex thajjru w ftehemu li jikkumbinaw bicca xoghol li minnha jaghmlu kemxa flus. Din il-bicca xoghol waqghet fuq id-droga, w cioe' li jdahhlu f'Malta kwantita' kbira ta' kokajina bil-ghan li imbaghad tigi traffikata lokalment.

Il-mezzi kkumbinati w miftehma bejniethom, ghall-ewwel b’mod generali, kienu jikkonsistu li jorganizzaw u jirrangaw ghad-dhul f’Malta ta’ kwantita’ ta’ kokajina b’mod li ghalkemm tiddahhal materjalment f’Malta, tiddahhal permezz tal-posta u b’mod li hadd minnhom ma jinvolvi ruhu personalment.

F’dan is-sens, gie miftiehem bejniethom kollha li, apparti mezzi ohra, kellhom jaghmlu uzu minn kaxxa postali li kienet taht il-kontroll ta’ **Simon Xuereb** fl-inhawi ta’ certi stalel ta’ zwiemel. Ftehemu wkoll li, flok ikun jidher l-isem ta’ **Simon Xuereb***,* jidher u jintuza isem fittizju ta’ certu Joe Portelli. Dawn il-mezzi kkumbinati bejniethom gew ipperfezzjonati fid-dettal bejn **Simon Xuereb***,* Norman Bezzina u Laurence Gatt f’laqa’ li kellhom hdejn il-knisja tal-Isla nhar il-hdax ta’ April, 2001, u dana wara li ga’ kienet giet imdahhla b’dan il-mod ammont ta’ kokajina f’Malta ghall-habta ta’ Frar tas-sena 2001.

Zmien qabel, u cioe’ ghall-habta ta’ l-ahhar ta’ Marzu tas-sena 2001, 1-ahwa Gatt kienu ga’ ftehemu li kellhom juzaw l-intervent u l-assistenza ta’ kuntatti taghhom li, direttament u indirettament, kellhom influwenza w awtorita’ fi hdan il-Maltapost u fid-Dwana. Fil-fatt hekk gara.

Kien l-istess Laurence Gatt li, kif miftiehem mas-socji l-ohra tieghu, avvicina, hajjar u ottjena l-accettazzjoni ta’ Carmel Cassar, burdnar, Mark Cassar, li kien jahdem fil-Customs Clearance, u Ruben Scicluna, li kien jahdem il-Maltapost, f’din l-assocjazzjoni li kienet nibtet aktar qabel bejn numru izghar ta’ persuni.

Di fatti, dawn is-socji kollha issa pperfezzjonaw u organizzaw il-mezzi li bihom kull wiehed minnhom kellu jimxi rispettivament. Appena d-droga tkun dahlet Malta taht deskrizzjoni falza permezz tal-posta w indirizzata lil persuna fittizja, l-istess droga kellha taghmel tragitt lokalment, tghaddi minn id ghal id tal-imsemmija socji, sakemm tispicca fid-destinazzjoni finali taghha.

Din l-assocjazzjoni, issa akbar minn qatt qabel, ghaddiet u dahlet flezekuzzjoni w twettiq tal-pjan miftiehem bil-mezzi hekk ikkumbinati bejniethom ghall-importazzjoni tad-droga f’Malta, sakemm dan il-pjan u realizzazzjoni gew sfrattati tempestivament mill-Pulizija Maltija kif inghad fil-kap li jigi mmedjatament wara dan. Izda kien ga’ gara li f’Jannar tal-istess sena 2001, **Simon Xuereb,** flimkien mas-socji tieghu, kienu dahhlu f’Malta madwar kilo kokajina li, mbaghad, effettivament, nbieghet minnhom, fost persuni ohra, lil certu Charlie c-Ciniz, Joe tal-Gharghur kif ukoll is-Singis mill-Qrendi.

Ghaldaqstant, 1-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi **Simon Xuereb** hati talli assocja ruhu ma’ persuni ohra f’Malta w ma’ persuni ohra barra minn Malta sabiex jimporta, ibiegh jew jitraffika medicina w droga ohra f’Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar iil-Medicini Perikoluzi, jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assocjazzjoni.

U peress li b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-12 ta’ Marzu, 1997, **Simon Xuereb** kien iddikjarat u misjub hati ta’ delitt, 1-Avukat Generali qieghed ukoll jaddebitah bir-recidiva.

Talab sabiex jitmexxa kontra 1-akkuzat skond il-ligi, w illi huwa jigi kkundannat ghal piena ta’ prigunerija ghal ghomru w multa ta’ mhux inqas minn elf lira Maltija (Lml000) izda mhux izjed minn hamsin elf lira Maltija Lm50,000) u l-konfiska favur il-Gvem ta1-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvem ta’ kull flejjes jew proprjeta’ mobbli w immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja, skond dak li hemm u jintqal f1-artikoli 9, 10(1), 12, 14(1)(5), 15A, 20, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(3A)(c)(d), 22(f) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) u fl-artikoli 20, 22, 23, 49, 50, 31 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li skond il-ligi tista’ tinghata skond kif jigi ddikjarat hati 1-akkuzat;

2) u wara li fit-Tieni Kap tal-Att ta’ l-Akkuza, l-Avukat Generali ppremetta li lejn l-ahhar ta’ Marzu tas-

sena 2001, il-Pulizija Maltija kienet wasletilha informazzjoni li pakkett suspettuz kien intbaghat mill-Kanada, indirizzat lil certa persuna f'indirizz il-Marsa.

Fil-fatt, dak il-pakkett, kontenenti cirka kilo kokajina, kien indirzzat lil certu Joe Portelli ta' 2, Clan Stable Lane, Racecourse Street, Marsa, Malta, Europe. Apparti li l-isem ta' Joe Portelli kien wiehed falz u qarrieqi, fuq il-kaxxa tal-ittri ezistenti fl-istess indirizz, **Simon Xuereb** kellu pussess u kontroll effettiv assolut. Il-pakkett kien wasal Malta mill-Kanada mal-Posta fis-sitta w ghoxrin ta' Marzu, 2001. Fl-apparenza, kien jidher li l-pakkett kien intbaghat minn certu Norman Borg minn Toronto, Ontario, il-Kanada.

Ghalhekk, il-Pulizija Maltija, bl-awtorizzazzjoni tal-Magistrat Inkwirenti, irrangat sabiex issir konsenja kkontrollata ta' droga bil-ghan li jigu dentifikati il-persuni involuti fl-eghmil ta' reati. Konsegwentement, il-pakkett tad-droga inzamm taht sorveljanza stretta mill-Pulizija fil-vicinanzi tal-fergha tal-posta tal-Hamrun. Ukoll, fil-wiehed u tletin ta' Marzu, 2001, il-pakkett originali tad-droga inbidel ma' iehor, simili fid-dehra esterna tieghu, w anke fil-piz.

Fit-tlieta w ghoxrin ta' April tat-2001, ghall-habta tat-tmienja neqsin kwart ta' filghodu, Ruben Scicluna, impjegat mal-Maltapost bhala xufier, mar il-fergha tal-posta tal-Hamrun u ipprezenta l-Avviz ghall-kunsinna ta' pakk, mahrug mill-Maltapost, u li kien jirrigwarda il-pakkett in kwistjoni. L-istess pakkett gie mghoddi lil Ruben Scicluna mill-Ufficjali tal-Maltapost taht is-sorveljanza u l-ordnijiet tal-Pulizija.

Hin wara, Ruben Scicluna gie mwaqqaf mill-Pulizija fl-inhawi ta' Hal-Qormi. Gie stabilit li Scicluna kien miftiehem ma' Charles Cassar sabiex l-istess Ruben Scicluna jirtira il-pakkett li kien jaf li kien jikkontjeni xi droga.

Ruben Scicluna cempel lil Carmel sive Charles Cassar, fejn gharrfu li l-pakkett bid-droga kien jinsab f'idejh. Huma

ftehemu li l-pakkett ibiddel l-idejn fil-parking area tat-terminal l-antik tal-ajruport ta' Hal-Luqa. Carmel Cassar informa lil Scicluna li min-naha tieghu kien ser jibghat lit-tifel tieghu, Mark Cassar, sabiex jiehu il-pakkett bid-droga.

Ghall-habta tad-disgha w nofs ta' filghodu ta' nhar it-23 t'April, 2001, hekk kif il-van tal-Maltapost misjuq minn Ruben Scicluna stess, u li fih kien hemm mohbija zewg ufficjali tal-Pulizija, wasal fil-post imsemmi, huwa gie avvicinat minn Mark Cassar, li gabar il-pakkett u ghadda xi flus lil Ruben Scicluna.

Wara li Scicluna halla l-post, Mark Cassar li kien fuq il-post fil-presenza ta' huh Jonathan Cassar, ghadda l-istess pakkett bid-droga lil persuna ohra li kien qieghed jistenna b'vettura Hyundai Accent ta' kulur ahdar u bin-numru ta' registrazzjoni AAA-205, fl-istess parking area, pero' ftit tad-distanza il-boghod.

Hekk kif dina l-vettura kienet ser thalli l-post, giet intercettata mill-Pulizija, w l-pakkett bid-droga sostitwit instab fil-booth ta' wara tal-vettura tieghu. Il-persuna li kien fil-vettura, w misjuqa minnu, kienet Anthony Gatt li allura wkoll gie arrestat. Irrizulta li Anthony Gatt kien gie mibghut minn Laurence Gatt. Di fatti, kien aktar kmieni dak inhar li fil-Pjazza ta' Rahal Gdid, Antonio Gatt gie avvicinat minn huh Laurence li tah karta ta' avviz liema karta Laurence Gatt kien ircevieha minghand Norman Bezzina. Kien Laurence li kien miftiehem ma' Antonio sabiex dana jaghmel mezz u johrog il-pakkett bid-droga f'Malta mill-posta. Fil-fatt ukoll, Laurence Gatt kienet il-persuna li finalment il-pakkett bid-droga kellu jispicca f'idejha.

Irid jinghad li fl-isfond ta' dan kollu, l-involviment ta' **Simon Xuereb** kien strumentali fl-importazzjoni tad-droga, proprju minhabba li kien huwa li xjentement ippresta l-uzu tal-kaxxa postali tieghu lil Laurence Gatt u Norman Bezzina, sabiex dana tal-ahhar, fil-perjodu li ikun appozitament il-Kanada, ikun jista' jibghat il-pakkett bid-droga lejn Malta minghajr ma jkun qieghed igorru personalment, u b'mod li id-destinatarju tal-pakkett tkun

persuna fittizja mentri fil-fatt ikun l-istess **Simon Xucrcb** li jibda w jiffacilita l-process tal-importazzjoni tad-droga.

Din il-bicca xoghol kienet ga’ grat bl-istess mod fi Frar tas-sena 2001, u tal-involviment u prestazzjoni tieghu, **Simon Xuereb** kien irceva cirka tlett telef Lira Maltin bhala kumpens.

Is-sustanza kokajina hija ikkontrollata bil-1igi taht l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, w **Simon Xuereb** ma kellu ebda awtorizzazzjoni w permess bl--imsemmija 1igi sabiex ikun fil-pussess tal-imsemmija sustanza.

Illi b’eghmilu 1-imsermmi sar hati tal1i importa, gieghel li tigi mportata jew ghamel xi haga sabiex tista’ tigi importata medicina perikoluza (kokajina) f’Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u cioe’ meta ma kellux licenzja jew awtorizazzjoni mahruga taht l-imsemmija Ordinanza li tawtorizza 1-importazzjoni ta’ dak 1-oggett.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lil **Simon Xuereb,** hati talli importa, gieghel li tigi mportata jew ghamel xi haga sabiex tista’ tigt mportata medicina perikoluza (kokajina) f’Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicni Perikoluzi (Kap. 101) u cioe’ meta ma kellux licenzja jew awtorizazzjoni mahruga taht l-imsemmija Ordinanza li tawtorizza 1-importazzjoni ta’ dak 1-oggett.

U peress li b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-12 ta’ Marzu, 1997, **Simon Xuercb** kien iddikjarat u misjub hati ta’ delitt, l-Avukat Generali qieghed ukoll jaddebitah bir-recdiva.

Talab sabiex jitmexxa kontra l-akkuzat skond il-ligi, u illi huwa jigi kkundannat ghal piena ta’ prigunerija ghal ghomru w multa ta’ mhux inqas minn elf lira Maltija (LmI000) izda rnhux izjed minn hamsin elf lira Maltija (Lm50,000) u l-konfiska favur il-Gvern ta1-ogetti kollha li

dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta’ kull flejjes jew proprjeta’ mobbli w immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2(1), 9, 10(1), 12, 14(1)(5), 20, 22(1)(a)(2)(a)(i)(ii), 22(2)(b)(i) u 26(1)(2) tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) u r-regola 8 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N.292/39) u fl-artikoli 17(b), 20, 22, 23, 49, 50, 31 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li skond il-ligi tista’ tinghata skond kif jigi iddikjarat hati 1-akkuzat;

3) wara li fit-Tielet Kap tal-Att ta’ l-Akkuza, l-Avukat Generali ppremetta kif ga’ accennat qabel, li Simon Xuereb kien ga’ kellu okkazjoni ohra precedenti, w precizament f’dik il-gimgha tal-hdax ta’ Frar tas-sena 2001, fejn, mhux biss kien materjalment fil-pussess xjenti tal-medicina perikoluza kokajina, wara li dina kienet giet importata f’Malta minn barra, imma addirittura kien anke ghaddieha b’success, u cioe’ minghajr ma ssusspettat xejn fih il-Pulizija Maltija, lil haddiehor, fosthom lil Norman Bezzina. Dakinhar, ta’ dan l-intervent tieghu, Simon Xuereb kien irceva bhala kumpens cirka tlett telef Lira Maltin.

Is-sustanza kokajina hija kkontrollata bil-ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, w Simon Xuereb ma kellu ebda awtorizzazzjoni u permess bl-imsemmija ligi sabiex ikun fil-pussess tal-imsemmija sustanza.

Illi b’eghmilu l-imsemmi Simon Xuereb sar hati talli forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokajina specifikata fir-Raba Taqsima tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.10I) lil persuna jew ghal xi persuna minghajr ma kellu licenzja mill-President ta’ Malta w minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi jew minn xi awtorita’ moghtija mill-President ta’ Malta li jforni d-droga msemmija w minghajr ma kien fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghàll-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-

disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza msemmija w minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija w minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi Simon Xuereb hati talli forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokajina specifikata fir-Raba Taqsima tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) lil persuna jew ghal xi persuna minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta w minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga msemmija w minghajr ma kien fl-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza msemmija w minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija w minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga.

U peress li b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-12 ta' Marzu, 1997, Simon Xuereb kien iddikjarat u misjub hati ta' delitt, l-Avukat Generali qieghed ukoll jaddebitah bir-recidiva.

Talab sabiex jitmexxa kontra l-akkuzat skond il-ligi, u illi jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija ghal ghomru w multa ta' mhux inqas minn elf Lira Maltija (Lml000) izda mhux izjed minn hamsin elf lira Maltija (Lm50,000), liema piena pekunjarja l-Avukat Generali qieghed jitlob li ghandha titqies li hi dejn civili, u l-konfiska favor il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli w immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 20, 22(1)(a)(f)(1B)(2)(a)(i)(3A)(c)(d), 22, 26 u 28 tal--Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) u fl-artikoli 20, 22, 30, 31, 17(b), 23, 49, 50, u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li skond il-ligi tista' tinghata skond kif jigi ddikjarat hati l-akkuzat.

4) wara li fir-Raba’ Kap tal-Att ta’ l-Akkuza, l-Avukat Generali ppremetta li bejn Jannar u t-23 t’April tas-sena 2001, mill-mument li Norman Bezzina, Simon Xuereb, Laurence u Antonio ahwa Gatt, Ruben Scicluna, Carmel Cassar u Mark Cassar, flimkien ma persuni ohra, kienu fil-process li jirrangaw ghallimportazzjoni ta’ cirka kilo kokajina f’Malta, u fl-istadji w hinijiet differenti li l-pakkett tad-droga kien qieghed jghaddi minn id ghal id ta’ kull wiehed minnhom, kollha kemm huma kienu f’dawk l-istadji w hinijiet differenti, fil-pussess xjenti tal-medicina perikoluza kokajina. Fl-istess perjodu, w f’okkazjoni ta’ aktar minn darba, bhal fil-11 ta’ Frar tal-istess sena, Simon Xuereb kien fil-pusses xjenti ta’ kwantita kbira ta’ kokajina, f’piz ta’ aktar minn tlett kilo, hi finalment spicca anke sabiex ghaddieha f’idejn haddiehor.

Simon Xuereb kien ghalhekk fil-pussess xjenti tal-kokajina f’cirkostanzi li manifestament juru li dak il-pussess qatt ma kien ghall-uzu esklussiv tieghu.

Is-sustanza kokajina hija ikkontrollata bil-ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, w Simon Xuereb ma kellu ebda awtorizzazzjoni w permess bl-imsemmija ligi sabiex ikun fil-pussess tal-imsemmija sustanza.

Illi b’eghmilu l-imsemmi Simon Xuereb sar hati talli xjentement kellu fil-pussess tieghu l-medicina perikoluza kokajina bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, w meta ma kellu ebda awtorizzazzjoni w permess bl-imsemmija ligi sabiex ikun fil-pussess tal-imsemmija sustanza; b’dan, li l-pussess kien wiehed taht tali cirkustanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati.

U peress li b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-12 ta’ Marzu, 1997, Simon Xuereb kien iddikjarat u misjub hati ta’ delitt, l-Avukat Generali qieghed ukoll jaddebitah bir-reddiva.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lil Simon Xuereb, hati ta' pussess tal-medicina perikoluza kokajina bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, w meta ma kellu ebda awtorizzazzjoni w permess bl-imsemmija ligi sabiex ikun fil-pussess tal-imsemmija sustanza; b'dan, li l-pussess kien wiehed taht tali cirkustanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati.

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija ghal ghomru w multa ta' mhux inqas minn elf lira Maltija (Lml000) izda mhux izjed minn hamsin elf lira Maltija (Lm50,000) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew proprjeta mobbli w immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja hekk tali flus u proprjeta tkun ghaddiet ghand terzi persuni, w anke jekk l-imsemmija flejjes, proprjeta mobbli jew proprjeta mmobbli jkunu qeghdin f'xi post barra minn Malta, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 14(1)(5), 15A, 20, 22(1 )(a)(f)(1A)(1 B)(2)(a)(i)(3A)(c)(d), 22(f) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u fl-artikoli 17(h), 22, 23, 20, 49, 50, 31 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

Rat l-atti kollha proceswali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni;

Rat in-Nota tal-akkuzat Simon Xuereb tas-16 ta' Lulju, 2003 , li biha eccepixxa :-

1. Illi l-atti tal-istruttorja esebiti mill-Avukat Generali mall-prezentata tal-Att ta' l-Akkuza odjerna huma, jekk mhux fl-interita', fil-maggor parti taghhom , monki w dana stante li d-depozizzjonijiet tax-xhieda kollha , kif kontro-firmati mill-Magistrat sedenti fl-Istruttorja , jindikaw li dawn gew moghtija fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali . Per tant dawn id-dokumenti ma jistghux jitqiesu bhala prova migjuba fil-kumpilazzjoni mmsemmija kontra l-akkuzat . Bhala konsegwenza dawn id-dokumenti (inkluz kwalunkwe document ezebit fil-kors ta' xi xhieda moghtija kif fuq indikat) huma inammissibbli

bhala prova f'dan il-process u ghaldaqstant dawn ghandhom jigu sfilzati mill-kumplament tal-atti tal-kumpilazzjoni validament u legalment redatti.
2. Illi l-ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza huwa null u dana stante li hemm karenza fil-parti espozittiva tal-istess b'dana illi l-fatti hemm migjuba ma jaghtux deskrizzjoni fis-sustanza tar-reat addebitat lill-eccipjent fil-parti akkuzatorja tal-istess kap. Di fatti minn imkien minn qari ta' dan il-kap ma hemm accenn ghall-fatt illi mqar wiehed mill-persuni (l-allegati membri tal-associazione criminis) imsemmija fl-espozizzjoni tal-fatti m'ghandu awtorizzazzjoni jew licenzja ghall-importazzjoni, biegh jew traffikar tal-medicina perikoluza hemm indikata . Illi hu ovvju li biex persuna ggib ruha hatja tar-reat ta' assocjazzjoni illegali ghall-finijiet tal-importazzjoni ta' medicina perikoluza , irid jigi imqar allegat l-element sine qua non tar-reat u cioe' illi fil-fatt tali persuna kienet inabilitata legalment milli tassocja ruha ghal dak il-ghan proprju ghaliex ma tkunx persuna awtorizzata skond l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi.

Rat il-verbali redatti fl-udjenza tad-9 t' Ottubru, 2003 , li bihom id-difiza irtirat it-tielet, ir-raba , il-hames u s-sitt eccezzjoni .

Semghet it-trattazzjoni tal-abbli difensur u tal-abbli prosekutur fl-istess udjenza;

Rat in-Nota ta' Riferenzi tal-Avukat Generali tal-10 t' Ottubru, 2003;

Ikkunsidrat ;

Illi in vista li l-ahhar erba eccezzjonijiet gew irtirati , jibqa' biss biex din il-Qorti tiddeciedi dwar l-ewwel u t-tieni eccezzjoni fuq riprodotti .

Illi in sostenn tal-ewwel eccezzjoni , d-difiza fit-trattazzjoni orali ssottomettiet li fil-maggor parti taghhom l-atti tal-kumpilazzjoni kellhom l-intestatura tal-"Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali" minnflok dik ta' "bhala Qorti Istruttorja" u dan kien zball grossolan .

Ghalkemm dan ma ghandux iwassal biex l-atti tal-kumpilazzjoni jigu dikjarati nulli , ghandu pero' jwassal biex l-atti li mhumiex komformi mall-ligi , jigu sfilzati .

Il-Prosekuzzjoni rribattiet li l-artikolu tal-ligi relattiv jghid tassattivament liema huma l-kazi fejn jistghu jigu attakkati l-atti tal-kumpilazzjoni . Hu minnu li l-intestatura fuq hafna mill-atti hija zbaljata izda l-uniku rekwizit li irid jigi osservat skond il-ligi w cioe' li l-atti kollha jigu ffirmati mill-Magistrat li jippresjiedi l-Istruttorja , gie osservat u fil-fatt l-atti kollha jgibu l-firma tal-Magistrat . Ghalhekk minkejja dan l-izball , xorta wahda hemm ir-rekwiziti kollha li trid il-ligi.

Ikkonsidrat ;

Illi l-artikolu 395 tal-Kap. 9 jiddisponi li l-ezami tax-xhieda u tal-imputat ghandu jigi iffirmat mill-Magistrat.

Illi d-difiza fil-kors tat-trattazzjoni ghamlet ukoll riferenza ghall-artikolu 398 (1) tal-Kap. 9 li jiddisponi li :-

*"Jekk qabel ma jigi ffirmat att, ikun mehtieg isir fih xi tibdil, korrezzjoni jew zieda, dawn ghandhom isiru b'postilla taht l-att u qabel ma dan jigi ffirmat . It-tibdil , il-korrezzjoni jew iz-zieda li jinhtiegu jsiru wara li l-att jigi iffirmat, ghandhom isiru b'postilla fil-gemb."*
u s-subinciz (3) jighid li :-

*"Il-Magistrat ghandu jiffirma ukoll dawk il-postilli jew tahsiriet."*

Saret ukoll riferenza ghall-artikolu 98 tal-Kap. 12 rez applikabbli ghall-proceduri penali bl-artikolu 520 tal-Kap.9 u dan l-artikolu jiddisponi li :-

*"L-atti gudizzjarji maghmulin bis-sahha ta' att null jew li gejjin minn att null , huma wkoll nulli."*

Illi minn ezami tal-atti tal-kumpilazzjoni jidher li min ittraskriva il-maggoranza tad-depozizzjonijiet tax-xhieda bi zball iddattilografhom taht intestatura ta' "QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA'GUDIKATURA

KRIMINALI“ u cioe’ minnflok “BHALA QORTI ISTRUTTORJA”. Id-Difiza tghid li dan jirrendi t-traskrizzjoni ta’ din ix-xhieda inammissibbli.

Issa kif tajjeb irrilevat il-Prosekuzzjoni l-uniku rekwizit li timponi l-ligi dwar l-ezami tax-xhieda u tal-imputat hija li dawn iridu jigu iffirmati mill-Magistrat li jkun qed imexxi l-kumpilazzjoni . Dan ir-rekwizit hu pjenament sodisfatt fil-kazijiet kollha tax-xhieda indikati.

Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenza taghha fuq eccezzjonijiet preliminari fil-kawza “**Ir-Repubblika ta’ Malta vs. Francis Cassar”** [28.5.1998*], “Proprjament ma hemmx zewg qrati, fis-sens ta’ Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali u Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja . L-Artikolu 367 huwa car dwar dan : hemm qorti wahda – Qorti tal-Magistrati – ghall-Gzira ta’ Malta u qorti ohra ghall-Gzejjer t’ Ghawdex u Kemmuna . Kull wahda minn dawn ghandha zewg attribuzzjonijiet : bhala qorti ta’ gudikatura kriminali ghar-reati ta’ kompetenza taghha u bhala qorti istruttorja ghar-reati ta’ kompetenza superjuri.”*

Illi hu minnu li l-isem korrett tal-Qorti meta tkun qed tmexxi kumpilazzjoni hu “Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja” u li meta tintuza l-intestatura “Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali” , din tirriferi ghal kompetenza w funzjoni differenti ta’ dik il-Qorti u li tali indikazzjonijiet zbaljati – li jidher li qabzu mhux biss lill-iskrivan tal-awla izda ukoll lill-Magistrat u lill-Avukat Generali li kien qed isegwi l-kumpilazzjoni tul il-kors tad-diversi rinviji – ghandhom jigu evitati . Mill-banda l-ohra pero’ t-traskrizzjoni tax-xhieda setghet saret liberament fuq karta bla ebda intestatura ta’ Qorti u kien ikun bizzejjed li tali traskrizzjoni tindika il-partikolarajiet u generalita’ tax-xhud u tkun iffirmata mill-Magistrat , ghaliex ladarba tkun inserita fil-process tal-kumpilazzjoni , hu ovvju li tkun traskrizzjoni ta’ xhieda li inghatat f’ dak il-process partikolari quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja.

Illi una volta li gie konstatat dan l-izball , forsi idealment is-soluzzjoni kienet tkun li dawn l-atti jintbaghtu lura lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja, biex jigi sanat id-difett billi ssir id-debita rettifika jew korrezzjoni fl-intestatura, izda dan issa mhux legalment possibbli li jsir ghaliex, kif gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri – Kolleggjali) fl-appell **“Ir-Repubbblika ta’ Malta vs**. **Ann-Elizabeth sive Anabel Ebejer**” [28.2.1985], *“L-ebda irregolarita’ u l-ebda difett fl-atti tal-kumpilazzjoni ma jista’ jkollhom bhala konsegwenza taghhom ir-rinviju ta’ l-atti mill-Qorti Kriminali lill-Qorti Istruttorja biex tigi regolarizzata l-pozizzjoni, isir dak li kellu jsir u ma sarx , jew sanat id-difett. Irregolarita’ jew difett fl-atti tal-kumpilazzjoni jistghu iwasslu biss ghall-eskluzzjoni tal-prova li ma tkunx tirrizulta konformi mall-precett tal-ligi , jew inkella ghan-nullita’ ta’ l-att tal-akkuza , wara debita eccezzjoni bil-forma w fl-istadju opportun fil-kazijiet previsti mill-ligi.”*

Illi fil-kaz in ezami ma gietx eccepita n-nullita’ tal-att tal-akkuza mill-akkuzat imma biss l-inammissibilita’ tat-traskrizzjoni tax-xhieda fejn hemm dad-difett. Izda din il-Qorti thoss - minghajr bl-ebda mod ma tidher li qed tikkondona jew tinkoraggixxi zbalji simili – li d-difett lamentat mid-difiza mhux tali li jirrendi t-traskrizzjoni **mhux “konformi mall-precett tal-ligi**” ghaliex l-uniku precett li timponi l-ligi hu li it-traskrizzjoni tax-xhieda trid tkun iffirmata minn Magistrat u dan il-precett gie fil-fatt osservat. L-intestaura dattilografata mit-traskriuttur ma kienetx mehtiega “ad validitatem” u kienet superfluwa .

Ghalhekk din l-eccezzjoni preliminari qed tigi michuda.

Illi dwar it-tieni eccezzjoni , wara li ghamlet riferenza ghall-artikolu 589 ( c ) u (d) tal-Kap.9 , id-difiza ssottomettiet li hawn wiehed kien qed jitkellem fuq l-elementi kostituttivi tar-reat  u li timporta d-droga mhux reat li timporta meta ma jkollokx licenzja jew awtorizzazzjoni biex taghmel dan hu r-reat.

Pero’ l-Prosekuzzjoni obbjettat li l-elementi kostituttivi tar-reat ta’ assoccjazzjoni kopert fl-ewwel kap tal-att tal-

akkuza u li d-difiza qed teccepixxi in-nullita' tieghu , huma il-ftehim bejn tnejn minn-nies jew aktar dwar il-mezzi kombinati biss u ma hu rikjest xejn aktar bhal per ezemjpu l-importazzjoni .

Ikkonsidrat;

Li l-artikolu 589 ( c ) u (d) tal-Kap.9 jiddisponi li l-att ta' l-akkuza ghandu :-

*( c ) "ifisser il-fatt li jikkostitwixxi r-reat , bil-partikularitajiet li jkunu jistghu jinghataw dwar iz-zmien u l-lok li fihom ikun sar il-fatt u dwar il-persuna li kontra taghha r-reat ikun sar , flimkien mac-cirkostanzi kollha li , skond il-ligi, u fil-fehma tal-Avukat Generali , jistghu ikabbru jew inaqqsu il-piena ; u*

*(d) jispicca b'gabra fil-qosor li fiha l-imputat jigi akkuzat tar-reat kif migjub jew imfisser fil-ligi , u bit-talba sabiex jitmexxa kontra l-akkuzat skond il-ligi , u sabiex l-istess akkuzat jigi ikkundannat ghall-piena stabbilita mill-ligi (hawn jinghid l-artikolu tal-ligi li jikkontempla r-reat) jew ghal kull piena ohra li skond il-ligi tista' tinghata skond kif jigi iddikjarat hati l-akkuzat."*

Issa skond l-artikolu 22 (1) (f) tal-Kap.101 ikun hati ta' reat kontra l-Ordinanza kull min :-

*"jassocja ruhu ma xi persuna jew persuni ohra f'Malta jew barra minn Malta sabiex ibiegh jew jittraffika medicina f'Malta kontra d-dispozizzjonijiet ta' din l-Ordinanza , jew li jippromwovi, jikkostitwixxi, jorganizza jew jiffinanzja l-assocjazzjoni"*

U skond l-artikolu 22 (1A) tal-Kap.101 :-

*"L-assocjazzjoni ta' persuni imsemmija fil-paragrafu (d) u (f) tas-subartikolu precedenti tezisti malli jigu kkumbinati jew miftehma l-mezzi , ikunu li jkunu , li bihom dawk il-persuni ghandhom jimxu."*

Issa skond il-gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna l-elementi kostituttivi tar-reat ta' assocjazzjoni kontemplat fil-Kap.101 dejjem gew ritenuti li huma erba u senjatament : 1. iz-zmien li fih ikun sar ir-reat ; 2. li jkun hemm mill-inqas persuna ohra , kienet minn kienet f' Malta jew barra minn Malta , li tkun involuta , 3. sabiex tigi traffikata d-droga; u 4. li jkun hemm il-ftehim dwar il-mod kif din id-droga ser tigi traffikata. It-traffikar ghandu definizzjoni wiesgha u din tinkludi mhux tfisser kwalsiasi movement ta' droga minn id ghal id kemm versu korrispettiv kif ukoll b' mod gratuwitu . U ma hemmx ghalfejn elementi ohra bhal per ezempju prova li id-droga tkun  effettivament ghaddiet minn id ghal id jew li giet importata,  ghax anki semplici offerta hija bizzejjed.

Illi minn ezami akkurat tal-ewwel kap tal-att tal-akkuza jidher li fl-espozizzjoni tal-fatti mill-Avukat Generali hemm l-elementi kostituttivi tar-reat kollha fuq imsemmija w ma hemmx ghalfejn jigi indikat li xi hadd mill-persuni involuti jew l-akkuzat ma kellux licenzja jew awtorizzazzjoni skond il-ligi biex jimporta l-imsemmija droga.

Ghalhekk din l-eccezzjoni qed tigi respinta ukoll.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tichad l-ewwel u t-tieni eccezzjonijiet preliminari tal-akkuzat u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-eccezzjonijiet l-ohra kollha minnu intavolati stante li dawn gew irtitati w tordna l-prosegwiment tal-kawza u tiddifferixxi l-istess "sine die" sabiex tigi appuntata ghas-smiegh bil-gurija meta jmissha t-turn skond il-ligi.

Sadattant l-akkuzat ghandu jibqa' fl-istess stat li jinsab fih sal-lum ghal dak li jirrigwarda l-liberta' provizorja.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------